# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb*.

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea(str.Cristoforu,numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IL HAMIS, id-29 TA AŬISSU, 1912. NRU. 29.

*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħhom, ghax nistennew minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## IL ŬIRJA
### FIL CUNGRESS EŬCARISTICU.

Bosta nies li jafuha bi tûila urew ix-xeŭka li fil ġranet tal *Cungress Eŭcaristicu* issir haûn Malta *Ŭirja cbira*, bħal dic li chienet saret, imma din id-darba ûisk actar fil ûisa, mita chien ġiè iżurna, xi tnax il sena ilu, id-*Duca ta York*, illum *Giorġ Hamsa*, maħbub Re taghna: u ŭieħed mil Chittieba tal *Habib*, is-Sur *M-Dec.*, chien fost l'eŭlenin li kankal din il biċċa, biex iŭiddeb li, jecc ghandha issir tas-seû din il *Ŭirja cbira*, jaħtieġ li nibdeû naħsbu ghaliha mill'actar fis, ghax iż-żmien li fadal diġà hu ftit, jecc irridu naghmlu *Ŭirja* ta gid u fejda, *Ŭirja* li trodd gieħ lill Malta, chif jafu jaghmlu pajjiżi oħra.

Aħna ucoll ta li stess feħma: jigifieri li, biex tirnexxi *Ŭirja* li taghmlilna onur mal eluf ta barranin minn cull nazzjon li bla dubju jiġu Malta ghall *Cungress Eŭcaristicu*, jaħtieġ li bla telf ta żmien jitûakkaf Cumitat ghaliha biss, Cumitat ta nies li raû minn daûc il *Ŭiriet cbar* ta Milanu, ta Torinu, ta Parigi, ta Londra, u li jibda jaħdem mn'issa bil ghakal u biddehen tieghu collu, ghax aħna, f'ħajjet Alla, ghandna x'nuru daks min ghandu, imma ix-xoghol biex issir *Ŭirja* chif jixirkilna hu tûil u kalil.

Imma,daûn il ġranet,intkal f'ûaħda mil gażetti li jinchitbu bit-Taljan, ûara li cull-ħadd chien donnu irid din il *Ŭirja*, li Sacerdot mill'ôghla u mil gheref li ghandna, mhux biss chiteb contra taħha, imma chiteb ftit u xejn incurlat ghaliha. Dan is-Sacerdot, li, chif jidher minn dac li giebet l'imsemmija gażetta mill'ittra tieghu, jaf x'ighid u jaf iżomm il pinna f'idu, jidhirlu li, fi żmien il *Cungress Eŭcaristicu*, ma ghandux icun haûn Malta ħlief il *Cungress Eŭcaristicu!* Jigifieri ma ghandu icun haûn xejn li jiġbed in-nies band'oħra: ma ghandu icun haûn xejn li iħajjar jiġu in-nies ħlief Ghaliħ! Il *Cungress Eŭcaristicu* —ighid dan is-Sacerdot bir-ragjun collu—hu ħaġa hecc cbira, hu tant impurtanti fiħ in-nifsu, li ma ghandu icollu xejn actar Mieghu! U la ghandu iservi biex in-nies jiġu jaraû *Ŭirja cbira tal ħûejjeġ ta Malta* u inkas din il *Ŭirja cbira* ma ghandha isservi biex tiġbed in-nies Ghaliħ! Ma ghandhomx ikanklu il Cattolici tan-dinja biex jiġu ghall *Cungress Eŭcaristicu* ta Malta ħlief il gieħ u il kima ta Gesù Cristu fis-Sagrament Imkaddes! U jaħtieġ niftħu ghajnejna tajjeb li ħaġa hecc ghażiża, ħaġa hecc cbira ghall Malta u li ghandha tibka issemmiha mal Eŭropa collha, ħaġa li diġà kanklet ghalina il ghira ta bliet cbar, ma 'nħalltuha mal ebda ħaġ'oħra, ma 'nsejjħu ebda ħaġ'oħra biex tghinha issir cbira, chif in hi cbira fiha infisha! L'iżjed, jecc naghmlu *Ŭirja*, ghandna naghmluha ta *Ħûejjeġ Sagri* biss,ta ħûejjeġ li ghandhom x'jaksmu mal gieħ u il kima tal Cnisja Cattolica, ta ħûejjeġ li dejjem icabbru iżjed mal Insara li jiġu haûn bl'eluf minn cull-imchien ix-xhieda tal Fidi taghna fis-Sagrament tal Artal! *Ŭirja cbira*, imma *Religjusa—Religjusa* biss—li, f'loc ma tbieghed il Cattolici barranin mil Lakghat tal *Cungress Eŭcaristicu* (jeû, Alla ħares katt !, b'li scuża ta dan il *Cungress Cattolicu* THAJJAR IL DAŬC LI M'HUMIEX CATTOLICI JIĠU JARAÛ ŬIRJA TAL CUMMERĊ) issaħħaħ dejjem iżjed l'onur u il glorja li irridu natu lill Gesù Cristu fil Gżira ta San Paûl !

U daûn, bħalma kieghdin taraû b'ghajnejcom, huma ħsiebijet cbar, ħsiebijet imkaddsa, li ghandhom ighaxxku il cull-ħadd!

Iżda maħħom irridu nghakkdu żeûġ ragjunijet oħra, li, chif jidhrilna aħna, imisshom joghġbu lil cull-min jiżinhom tajjeb.

L'eŭŭel ûaħda hi din. Aħna il Maltin ghandna bżonn nuru lill barranin min aħna, ghax, fil bliet il cbar taddinja, ftit ŭisk jafuna. Hemm min jaħseb li Malta m'hix ħlief nitfa ta gżira gharbija jeû xatt imnażża minn collox, b'raxxa skallin ighixu fuku chif jistghu! Hemm saħansitra min ghandu f'rasu li aħna ilcoll ħafjin u bis-sarŭan! Hecc ghadhom ipinġuna s'issa xi gażetti ingliżi, ghall kerk ta moħħom; u b'hecc iridu ighadduna, minn ftit il-haûn, xi gażetti taljani, infuscati ghal ħaġ'oħra! Darba, fil belt ta Torinu, li hi ûaħda mill'actar il-kuddiem fost il bliet collha tal Eŭropa, tchellimna fuk *tramm* ma żeûġ Avucati; u mita ghednilhom li aħna Maltin: Chif, staksiena ûieħed minnhom, mela il Maltin jilbsu bħalna?... U l'ieħor, actar mistaghgeb minnu: Fejn tigi seŭŭa Malta? Jecc ma nizbaljax, tmiss ma Tripli ! Il vapuri taghna ighaddu fil krib minn ħdejha?...U Sacerdot Spanjol minn daûc li ghaddeû, ftit xhur ilu, minn haûn, kalilna, geŭŭa il Barracca ta fuk, b'ghajnejħ ûara ûidnejħ: "X'Tempju (chien ħiereġ minn San Ġŭann)! X'Mużeû! X'Port! X'Belt nadifa u sabiħa! X'Poplu educat u religjus! Aħna conna naħsbu li Malta collha m'hix ħlief blata 'mneżżgha: u li, barra mil Furtizza (ûaħda biss, chien minn ghaliħ) u mit-Tarzna tal Ingliżi, ma chienx haûn x'tara ħlief il *Grotta ta San Paŭl!*" Mela, nghidu aħna, barra mil *Ŭirja tal Fidi taghna f'Gesù Sagramentat*, sejjrin naghmlu fil *Cungress Eŭcaristicu* ŬIRJA OHRA: il *Ŭirja* tal Cnejjes taghna, tal Palazzi taghna, tat-Torok taghna, tal Portijet taghna, ta li Stituti taghna, ta li Stabbilimenti taghna u fuk collox *tal imgieba taghna!* Chemm nixtieku li, f'daûc il ħames ti jem jeû sitta, ma jidherx geŭŭa il bliet ragel ħafi !

Iżda xi ħadd ighid li haûn il ghacs, li m'haûnx cummerċ: u hecc hu: u, la ma ghandniex min jarfa ħsiebna tas-seû chif imissu, Alla jaf dan il ghacs mita jibda jittaffa u dan il cummerċ mita jarġa jieħu ir-ruħ. Imma, l'eŭŭel nett, il *Ŭirja*, tcun cbira chemm tcun cbira, ma tekredx il ghacs tal Poplu u inkas biha ma ikum il cummerċ ta Malta: icun riħ ta ħames ti jem li jonfoħ *ftit* fil bŭiet

U chif hecc chienu ir-Radd-il-Ħajr (2)bdeŭ fis Bid-dmuħ collha f'ghajnejhom. B-liema kalb, Oħ! chemm tas-seŭ mil fomm ħareġ ghażis Chien dac it-talb!

Emm. Quattromani.

## Il Bomba

Fuk il *Bomba* li tkieghdet ŭara il bieb ta Monsinjur Attard ma 'rridux nghidu ħlief chelmtejn: jidhrilna li aħna inħammġu il *Ħabib* u idejna, jecc nokoghdu intaŭŭlu il cliem fuk ħaġa hecc vili u faħxija. Biex taħseb biss *delitt* bħal dac trid l'eŭŭel nett tiċħad l'Alla u imbaghd tinża il libsa ta bniedem. Trid tcun taħsibha ta bhima. Min ifittex li ineħħi il ħajja ta ghajru b'dac il mod, hu ŭisk aghar mil *briganti tal boschijet*: u chiecu dic il *bomba*, f'loc ŭara il bieb ta Monsinjur Attard, tkieghdet ŭara il bieb tal aghar *ċaccar*, id-delitt chien icun icreħ u ŭaħxi xorta ŭaħda!

Min hu 'mlibbes bis-setgha ta Vigarju tal Iskof, min ghandu x'jaksam ma nies ta cull ghamla, m'hix ħaġa cbira li icollu min jobghodu: u actar ma ŭieħed jaghmel dmiru, actar icollu min jaghmel ghaliħ, ghax il ħakk ħadd ma iridu ŭara biebu: imma biex il bniedem jasal f'daŭn it-truf, irid jeŭ icun tilef moħħu jeŭ il cunxenza tieghu. Hu min hu, mela, dac il bniedem, nitolbu ll'Alla jatiħ id-daŭl: bħala 'nsara, din hi il vendetta li ghandna nitolbu minnu. Alla imisslu kalbu u iġaghlu jitchexchex mid-dnub cbir tieghu.

Kaghad jaħseb dac il bniedem chemm nies, li, forsi, inkas jaf hom, setghu jitilfu ħajjithom jeŭ icorru sħiħ? Kaghad jaħseb li bisŭit id-dar li ried jolkot, hemm id-Dar t'Alla, is-Santŭarju ta li Mkaddsa Marija?....Jecc Alla ma neħħiex idejħ minn fuku, jecc m'hux *ħalba* f'idejn *l'indannati*, ghandu jistcherraħ lilu in-nifsu u jindem minn dnubietu. Din il *piena* biss nixtiekulu!

—

Ŭara li ctibna dan, gejna nafu li il *Bomba* insabet maghġuna bis-*sulfat*, bil *cubrit*, bl'*antimonju*: daŭn, imħalltin, jaghmlu saħħa cbira. Ma chienetx ċajta, mela!

## Meħud

### mil "Ligi tal Emigrazzjoni" li saret l'America fl'eŭŭel ta lulju 1907.

L'EŬŬEL TAKSIMA.

«Cull frustier li imedd riġlejħ fl'America, iħallas it-taxxa ta erba' dòllari (sittax il xelin u tmin soldi), barra minn daŭc li icunu gejjin mil Canadà, minn Newfoundland, minn Cuba u mil Messicu, basta icunu ilhom kieghdin f'ŭieħed minn daŭn il pajjiżi mill'inkas sena; u barra minn daŭc li ighaddu mill'America biex jibkghu sejjrin pajjiż ieħor.»

IT-TIENI TAKSIMA.

«Ma jistghux jidħlu fl'America in-nies baħnana, boloħ u ta moħħom ħafif, daŭc li jatihom tal kamar, jeŭ imgienen, jeŭ li ma chienux f'sessihom fl'aħħar ħames snin; daŭc li f'cull żmien ta ħajjithom chienu iggennu darbtejn jeŭ actar; il fokra; daŭc li minn chif jidher icollu ibati bihom il Poplu; ittallaba li jitolbu b'sengha; il morda b'sidirhom, b'ghajnejhom (*tracoma*) jeŭ b'marda oħra li tittieħed; daŭc li chienu xi darba icundannati fuk ħtijet mokżieża; daŭc li ghandhom ghall Capijet (*anarchici*); daŭc li huma miżżeŭŭġin ma tnejn (*poligami*); in-nisa taddnub u daŭc li ighixu mil klieħ taħħom; daŭc li icunu geŭ imħajjrin isiefru ghall'America bil ŭeghdiet ta impieg, fuk cuntratt mictub, jeŭ stampat, jeŭ maghmul bil cliem, li ghandhom jaħdmu f'cull xorta ta xoghol, li ghaliħ ma hemm bżonn tal ebba ħila (imsejjħin *contract labourers*); daŭc li geŭŭa l'aħħar sena icunu tcheċċeŭ mill'America, ghax icunu marru hemm imħajjrin chif ghedna issa; daŭc li icunu ħallsulhom il *passaġġ* nies oħrajn, seŭŭa Xirchiet u seŭŭa Gvernijet frnstieri; u daŭc li ma icollhomx sittax il sena, jecc ma icunux ma ommhom u missierhom jeŭ ma ŭieħed minnhom».

MIT-TAKSIMIET 4, 5, 6 u 7.

«Icun miżmum li ŭaka fil *ħtija* (*mesdemeanor*) cull min, seŭŭa persuna, seŭŭa Xirca u seŭŭa Gemgha ta nies oħra, iħallas il *passaġġ* jeŭ ighin b'cull ghamil l'imsejjħin *contract labourers* biex isiefru ghall'America. Il piena tcun il ħlas ta elf dòllaru (mitejn lira inglizi) ghal cull ħtija: u ibatuha ucoll daŭc li jatu aħbarijet (*avviżi*) biex iħajjru jeŭ iġaghlu min isiefer u daŭc il Cunpanijet tal ġarr (*trasport*) li icunu ghamlu ŭeghdiet bħal daŭn.»

IL GHOXRIN TAKSIMA.

«Cull frustier li jaghmel contra din il ligi icun makbud (*arrestat*) b'ordni tas-*Segretarju tal Cummerċ u tax-xoghol* u mibghut fil pajjiż mnein icun telak.

Dan l'ordni jista joħroġ f'cull żmien sa tliet snin mil ġurnata li fiha il frustier icun medd riġlejħ fl'America.»

**It-traduzzjoni mill'Ingliż ghat-Taljan ghamilha il Curunell Manchè: mit-Taljan ghall Malti ghamilniha aħna.**

Id-Direzzjoni.

## Ma dŭar il Gżira.

—Jiddispjacina ħafna li, mita ŭaslilna l'articlu *Il fatti ighallmu*, conna diġà ctibna aħna minn rajna, chif chien dmir taghna, u baghtna ghand li stampatur minn jumejn kabel l'articlu imsemmi il *Bomba*: ghalhecc biss ma giebniex dac l'articlu ta ŭieħed mil principali chittieba taghna, li ghaliħ, chif Hu jaf tajjeb, aħna ghandna kima cbira.

—Il *Cumitat tal Emigrazzjoni* jixtiek li cull min jiġuħ xi ittri minn ghand il Maltin li marru il Brażil jurihomlu, seŭŭa jecc icunu jitchellmu tajjeb fuk dac il pajjiż u seŭŭa jecc icunu jitchellmu ħażin, ghax hemm *tmenin familja* (mhux *sittin*, chif kalu, bi żball, xi gażetti oħra) li inchitbu biex isiefru ghal hemm, imma il *Cumitat* (mghakkad b'nies tal ghakal u tad-dehen, li tasseŭ iħobbu il Pajjiżhom u ma iridux jaghmlulu ħlief gid) jixtiek li ikisha u jarġa ikisha kabel ma jibghat hemm Maltin oħra. Jecc il *Cumitat* joghġbu jibghatilna *Lista ufficcjali* tan-nies tieghu collha, aħna ingibuha bil kalb fil *Ħabib*, biex il Karrejja taghna icunu jafu aħjar li kieghdin jaghmluha ma persuni mill'actar rispettabbli ta Malta: imma, ghal issa, l'ittri li jiġu chif ghedna fuk mil Brażil jistghu jinbaghtu lill Curunell Manchè (il-Belt, strada Alessandro, numru 33): u biż-żejjed nghidu li il President tal Cumitat hu l'Imħallef Pulicin.

—Niżżu-ħajr lid-Direttur tal *Casa dei Giovani Pio Decimo* (l'Isla, strada *Due Porte*, numru 142), li ghoġbu jistedinna ghall'*Accademja* u *Gara catetistica* li saru hemm nhar il ħadd li ghadda, fis-sitta ta ŭara nofs in-nhar, taħt il presidenza ta Monsinjur Iskof Portelli: u jiddispjacina ħafna li ma stajniex immorru ingaŭduhom Imma kalulna ħbieb taghna li marru tajjeb ferm u ghal-hecc nifirħu lid-Direttur u lin-nies tieghu bil kalb collha.

—Irridu nghidu li il Festa ta San Bartilmeŭ—bil ħrara u bid-dehen tal Cappillan Dun Pietru Paŭl Żammit— Sacerdot mil gebbieda tal mibchi Patri Majjistru Michiel Żammit, tal Agustinjani — mghejjun mil Procuratur tal Cnisja, mis-Sacerdoti u mis-Seculari ta dac ir-Raħal, li collha iħobbuħ bħal missierhom u igibuħ fuk ŭiċċhom idejhom, chif jistħokklu — chibret u gholiet, li illum saret ŭaħda mil ġŭappi, geŭŭa il Cnisja u barra. Ma nokoghdux intaŭŭlu bl'ismijet ta min ippriedca fit-tridu u ta min ghamel il panigircu, ta min kaddes u ta min mexxa il processjoni, ta min iddirieġa il mużica u il baned, ta min ħa il cumissjoni tal mixilgha u tal giocdifogu: imma nghidu, ghax fil ħŭejjeġ tal Cnisja haŭn kieghdin il ghaxka u il fejda, li, collox maghkud flimchien, saret festa sabiħa u devota, chif chienet tixrak lil dac il cbir Appostlu ta Gesù Cristu u lill kima bla tarf li ghandhom Ghaliħ il Gharghurin. — festa tal ferħ u tal gieħ ll'Alla u lill'Appostlu tieghu, festa ta Poplu sħiħ collu bi ħsieb ŭieħed u b'kalb ŭaħda, minghajr tfantis u tinghiż tal aħŭa bejniethom, chif jiġri sicŭit bnadijet oħra, li, forsi, iridu iżommu-ruħhom b'iżjed ilkuddiem fil ħŭejjeġ tal Cnisja u tad-dinja. Nifirħu, mela, bil Festa sabiħa u ġŭappa li saret is-sena ħal Gharghur: imma ŭisk actar nifirħu bil ghakda ta dac il Poplu mar-Raghaj ta ruħu.—Insemmu ħaġa biss mil festa collha: il ferħ ta dac il Poplu bil vara tal Appostlu, seŭŭa dic il ġurnata li tellghuha mil Belt ghar-Raħal u seŭŭa fil ġranet ta ŭara, sa fi dħul il processjoni. U chellu biex jifraħ dac il Poplu, ghax ix-xbiħa ta San Bartilmeŭ b'gildu f'idu—moħkrija ta *martirju* li ma messet lill'ebda ŭieħed ieħor mit-Tnax l'Appostlu ta Gesù Cristu, ghad li collha mietu ghall Fidi—mhux biss hi ŭaħda mill'acbar opri li ħallielna haŭn Gafà, scultur Malti imsemmi mad-dinja collha, imma, chif ighidu l'aħjar Professuri, tghakkad, flimchien max-xbiħa ta San Paŭl, l'akua żeŭġ fost l'opri bla ghadd tieghu. U din il vara tasseŭ famusa, din il vara li hi biss chienet biż-żejjed biex tiġbed daŭc il ktajja ta nies lejn ħal Gharghur, is-sena giet imgedda fil pittura u fl'induratura minn Mghallem li ħakku cull tifħir — l'imsemmi Induratur ta strada Vescovo, kuddiem il Palazz tal Iskof: ħaġa li compliet rabtet l'imħabba ta bejn il Cappillan u il Poplu ta dac ir-Raħal, ghax irnexxiet ghânja, sabiħa u maghmula bid-dehen u bil ghakal collu. Min imur jaraha, sgur ma ighidx li aħna imlejna ghajnejna iż-żejjed biha.

—Fil *Gazzetta del Massachusetts*, li ghoġbu jibghatilna is-Sur Levanzin, krajna li hu, fl'14 ta lulju, fl'4 u nofs ta ŭara nofs in-nhar, tà *Cunferenza fuk il cura tas-saŭm* fil bitħa tas-*Civic Service House*, ghax, imħabba is-sħana cbira li kieghda taghmel hemm, ma setghetx issir fil maghluk: u, ippresentat mid-Dottur Donadio — taljan — tchellem saghtejn sħaħ b'kaŭŭa sabiħa ta ragjunar u bi ħsiebijet l'actar ċari. Anzi, mita spiċċa, stieden lil cull-min chien hemm biex jaghmlulu difficultajjet chemm iridu: u ŭiegeb lil cullħadd, li ma sabux actar x'ighidulu u ħarġu cuntenti ŭisk biħ. Nifirħulu b'kalbna collha, l'eŭŭel bħala Malti u imbaghd bħala ħabib taghna u sieħibna ghal darba tnejn.

—Nifirħu ħafna lis-Sur Ŭistinu Randun—ŭieħed mil gheżeż u mill'ekdem ħbieb taghna—ghall Medalja u l'ittra li ghoġbu jibghatlu il Cumitat tax-*Xirca Agraria* ta Ghaŭdex, fejn hu cull sena imur ghall *Santa Marija* biex jaghmilha ta 'Mħallef tal premijet li jintghataŭ fil *Ŭirja tal Biedja*.— Chiecu haŭn tużżana Sinjuri li jistghu jatu iż-żmien u il ħila taħħom bħas-Sur Randun, il maħbubin gżejjer taghna f'kasir żmien

—

(2) It-Te Deum.

jîtbiddlu. Min jista ghax ma ghandux jigi il-kuddiem?....

—Sabiħ is-*Sunett qŭinarju* tas-Sur Gius. Sciberras: imma ghall llum mghobbijin iż-żejjed. Min jistenna, jithenna.

## Ma dûar id-dinja.

—Fil Marocc, il Corunell franciż Pain, sbieħ is-17 t'aŭissu, ħabat bin-nies tieghu ghaxxakliba imsejjħa iz-*Zavja* u irnexxielu jieħu taħt idejħ l'inħaŭi ta Mulaj Bucsa. Imbaghd, ŭieħed mis-Surgenti tieghu chellu il ħila ikieghed id-*dinamite* ghal tul ta 36 *chilometru* f'mina cbira taħt il ghôlja ta *Zavja*; taha in-nar u tajjarha fl'ajru. In-nies ta daŭc l'inħaŭi inkerdu collha mad-dakka u il meŭta.

—Intkalu minn xi gażetti ħafna *ħrejjef* fuk marda ta ŭaħda minn ħut il Papa—is-Sinjura Rożi Sarto: u saħansitra xandru li il Papa ħareġ mil Vatican bil-lejl biex imur jaraha bil moħbi, ghax chienet *agunija*. Imma mhux biss il ħarġa tal Papa mil Vatican chienet ghidba, iżda ucoll il marda ta oħtu. Din, difatti, ghad li ghandha tmenin sena, tinsab fuk riġlejha: u mita mar iżurha il Professur Petacci—it-Tabib tal Papa—ħarget tilkghu hi stess u kaltlu li tħossha tajjeb ħafna. Is-sabiħa li, scond il gażetti ix-xellughin, li stess Professur Petacci, li mar jaraha, chien taparsi marid gravi! Ma ghandhomx x'jaghmlu?...

—Fi Franza, ŭara it-tkankila biex il Gvern jara chif jaghmel u ma jibkax micshr mal Papa, issa hemm oħra biex il Patrijet li chienu tchecċeŭ jarġghu jatuhom il Cunventi taħħom—l'actar il Benedittini u iċ-Certosini, li cull-ħadd kieghed jibchihom ghall gid bla tarf li chienu jaghmlu lill Peplu.

—Chienet ħarget ix-xniegha li ir-Regina Cristina, omm ir-Re ta Spanja, chienet kieghda tindaħal fil pulitica tal Portugall, contra ir-Republica: iżda il Ministri tażżeŭġ Potenzi stkarru li m'hux minnu.

—Il Papa li jaħseb ghall Cattolici taddinja collha b'kalb ta Missier, ħareġ *Motu Proprijn* biex jordna chif ghandhom icunu inducrati l'erŭieħ ta daŭc il Cattolici li, imħabba il bżonnijet tal ħajja, icollhom iħallu il pajjiżhom biex imorru ighixu f'artijet oħra.

—Fatt icreħ ġara Modena, belt tal Italja, nhar is-sibt li ghadda: chif chienu ghaddejjin ghal xoghlhom mit-triek ta *Valle d'Albero* it-Tabib Carlu Stefani, ta 27 sena, u is-Sinjurina Candida Orsini, li chienu gharajjes u maħbubin minn cull-ħadd, instemghu żeŭġ tiri ta xcubetta minn ŭara ħajt u daŭc l'imsiechen stabtu mal art mejjtin it-tnejn. Jaħsbu li spara ghalihom ŭieħed cunjomu Castelli, żagħżuħ li chellu ghajnejħ mitfugha fuk is-Sinjurina Orsini, ghad li hi ma chienet tatu katt ŭiden.

## IL GELATI.

Ma nghidux li fis-sajf min jista jixrobhom ma iħosshomx jatuħ ir-ruħ, ghax, barra milli fihom is-sustanza, jaktghu in-nixfa tal ghomma u iħajjru bil chesħa taħħom: imma donnhom ma tantx huma ta min jintriga minnhom.

Tiftacru li, tas-Sliema, ftit gimghat ilu, ħafna nies, cbar u żghar, li chienu xorbu il gelati minn ħanut ŭieħed, ħasshom ħażin collha? U, ghal-chemm it-Tobba tas-Sanità ghamlu dmirhom bi ħrara cbira, baka sejjer cull-ħadd billi ħa, ghax ma 'nsabx mnejn chienet gejja il marda?....

Isimghu issa x'ġara Napli, il ħadd l'ieħor (nhar Santa Liena).

Dun Ġŭann Pirozzi, Kassis ġdid, kaddes l'eŭŭel Kuddiesa fil Parroċċa ta *San Giljan*: u, ŭara il festa tal Cnisja, missieru, is-Sur Nicola, ghamel trattament f'daru lill mistiednin collha, li chienu fuk mija u fosthom chien hemm ghaxar Patrijet Frangiscani. Is-Sur Nicola chien ordna il Gelati ghand Eŭgenju Lecce, ragel imsemmi ghat-trattamenti cbar: u collox mar seŭŭa. Imma, ftit ŭara, bdeŭ iħosshom ħażin it-tfal tal mistiednin, imbaghd in-nisa u fl'aħħar il Patrijet u ir-rgiel l'oħra collha. Kabduhom fetħa u vomiti tant cbar, li bdeŭ jixteħtu mal art, cull-ħadd jitcaghŭeġ bl'ugieħ tal bughaŭŭieġ li chienu donnhom tathom il *Colèra*. Inkas ŭieħed minnhom collha ma baka fuk riglejħ: u il girien tas-Sur Pirozzi li daħlu ighinuhom chellhom iġorruhom fuk is-sodod taħhom, sa-chemm ŭaslu it-Tabib Marchese u Nies oħra tas-Sanità. It-Tabib intebaħ minnufiħ li daŭc l'imsiechen chienu intuscati u moħħu mar malajr fil Gelati li chienu xorbu ilcoll. Difatti, 'mbaghd, sabu li il forom tal Gelati chienu jirħu minnhom certu toscu: u giè arrestat mil Pulizija Eŭgenju Lecce, ghax, tarġa, inchixef li, il ħadd ta kabel, fil 11 t'aŭissu, chien ġralhom hecc ucoll xi nies oħra bil Gelati tieghu.

Bil cura, bosta minnhom ghaddielhom f'kasir żmien: imma xi uħud chellhom jieħduhom darhom fil cataletti u fosthom ghad hemm min hu fil periclu tal meŭt.

## Gjulju Massenet.

Fit-13 ta dan ix-xahar, miet Parigi is-Sur Mast Gjulju Massenet, imsejjaħ kalb innies tal Mużica *Verdi ta Franza* ! Imma daŭc li Mghallmin li jafu jiżnu u ichejjlu bir-rekka ighidu li fir-*raccmar tal orchestra* chien akŭa minn Verdi ucoll!

Bida bħala *Dakkak tat-tanbur* fl'orchestra ta teatru ta Parigi u spiċċa bil fama tal *acbar Aŭtur ta Franza*! Anzi, fost il ħajjìn ta zmienn'na, tal *acbar Aŭtur tad-dinja*!

Haŭn Malta, ma nafux minn tieghu ħlief il *Manòn*, li ilha issir it-Teatru mill'eŭŭel snin li chitibha: u, l'iżjed, ir-*Re di Lahore*, minn xi banda mil cbar: imma chiteb tant mużica, seŭŭa tal Cnisja u seŭŭa tat-Teatru, li ghandu biex timla librerija. Minn tal Cnisja, insemmu biss tnejn: *Marija Madalena*, li, chif ighidu, m'haŭnx s'issa fid-dinja *Oratorju* isbaħ minnu; u il *Kuddiesa tal mejjtin*, li chienet iżżanżnet fil funeral ta Gounod (l'Aŭtur tal *Faŭst*). Min tat-Teatru insemmu sitta: it-*Thais*, iċ-*Cid*, il *Worther*, ic-*Cendrillon*, is-*Sapho* u il *Portrait de Manon* (jigifieri ir-*Ritratt ta Manon*), opra b'att ŭieħed, li tissocta, tista tghid b'li stess *persunaġġi*, fuk il *Manon*. Ŭieħed mill'acbar Chittieba tal Mużica li ghandha l'Italja kâl,darba,li Massenet, bil *Portrait de Manon*, "ghadda l'oħrajn collha u lilu in-nifsu!"

Aħna, fis-sena 1889, chellna ix-xorti nisimghu ic-*Cid* fl'*Operà* ta Parigi (l'acbar u l'akŭa teatru tad-dinja): u ghad li conna ghadna chemm smajna l'*Aida* f'li *Scala* ta Milanu, staghgibna bil cobor tieghu, specjalment fil *Marcja trijonfali* tal aħħar, fejn rajna fuk ix-xena disa' mit ruħ u erbghin żiemel.

Monsinjur Perosi, id Direttur tal Cappella tal Papa, imsejjaħ, ghalavolja minn daŭc li ma jemmnux bil Papa, il *Ġgant tal Mużica sagra*, mita chien Milanu kalulu li ghadda il cull-ħadd fil ctib tal *Oratorji* (jigifieri *Opri sagri*): imma Hu ŭiegibhom: Mela, insejtu li hemm daŭc ta Massenet?!

Mhux ghal-xejn, mela, fis-17 ta dan ixxahar, il Cbarat ta Franza inġabru fil Cnisja ta Greville, fejn sar il funeral ta Gjulju Massenet; u, imbaghd, minn hemm sa 'ċ-Cimiterju mixa Poplu sħiħ ŭara il cadavru tieghu! Mhux Franza, imma l'Eŭropa, chienet kieghda tidfen chif jixraklu l'akŭa Surmastru taħha!

Iżda il funeral chien ordnat mill'eħfef u bla stedìn ta ħadd, ghax mart Gjulju Massenet, bintu u ħuħ (il General Massenet) ma sejjħux biex iduru bihom ħlief erba' Sculari tieghu (Carpentier, Kann, Héroux u Silver, Professuri mil katgha ta Paŭlinu Vassall, li tghallem ucoll ghandu).

Difatti, Massenet, kabel ma miet, chien kâl lil niesu: Araŭ li fil funeral tieghi ma 'rridx *Mużica oħra ħlief it-tgheġŭiġ tattalb ll'Alla ghal ruħi!*

Gjulju-Emilju-Federicu Massenet tŭieled f'Montand (*San Stiefnu*) fis-sena 1842: u jigi chellu 70 sena. Studja il *Mużica* ghand is Sur Mast Thomas (l'Aŭtur tal *Mignon*): u mita chellu 21 sena rebaħ il *Gran Premju* ta Ruma, fejn chien dâm sentejn, li fiħom chiteb il famusa *Kuddiesa tal mejjtin* imsejjħa tat-*Tmin vucijet*: kuddiesa li Parigi saħħret il cull-ħadd.

Sa dac iż-żmien, Massenet chien ghadu ilakkat il ħajja fit-tiġbid: u issa, ŭara meŭtu, kalb il carti tieghu insabu mictubin daŭn il chelmiet:

*F'żghożiti, sibt-ruħi f'bosta praspar: imma katt ma ghelejt daks mita biex inħallas it-tverna li cont niecol fiha Ruma, chelli nirhan l'arloġġ li cont klajt rigal fl'*EŬŬEL COMUNJONI.

Chemm chien Cattolicu tajjeb jidher ucoll minn daŭn il chelmiet li insabu kalb li stess carti tieghu: "Mita, fis-sena 1878, sar l'eŭŭel darba Ruma ir-*Re di Lahore*, ippresentaŭni lir-Regina Margherita, li lakghetni bi ħleŭŭa cbira u ġaghlitni indokkilha biċtejn minnu fuk il pjanu taħħa: imma kalbi ferħet ŭisk actar mita, ŭara jumejn, ippresentaŭni lill Papa Leŭni Tlittax, li, chif cont ghar-rcopptejja kuddiemu, kalli: *Din il barca tieghi tcunlec rahan ta trijonfi cbar fil Mużica*! U, f'ħajjet Alla, chienet!"

—Jen Ruman—ŭiegeb Massenet, f'daŭn l'aħħar snin ta ħajjtu, lis-Sur Mast Gjulju Ricordi, li chien kieghed ighidlu chemm ghandhom kima ghaliħ it-Taljani—jen Ruman: jecc ma temminnix, istaksi lill riġlejja chemm il darba telghu u niżlu it-tliet mit tarġa tal Cnisja ta *Ara Coeli*!

Ma chienx Taljan! Chien Franciż—imma Franciż ta demm safi, Franciż cbir—cbir u ta ħleŭŭa li tghaxxak fl'imgieba tieghu, bħalma huma il cbar tas-seŭ! Krajna bosta ittri tieghu lis-Sur Mast Paŭlin Vassall, fejn, f'loc *Scular tieghi*, isieħlu *Sieħbi*. U ŭaħda minn daŭc l'ittri li bakghet f'idejna, bi ħsiebna nghożżuha bħala *Reliqŭija tieghu*!

Ŭara marda kasira, li fiha giet imfarrġa mis-Sagramenti 'Mkaddsa, mietet, ir-Rabat trl Imdina, fid-19 t'aŭissu, is-Sinjura AGATA MICALLEF, ta 56 seua. Itolbu ll'Alla ghall mistrieħ ta ruħha u ghas-sabar ta uliedha, li ħalliet ŭisk imniccta bit-telfa taħħa—fosthom ir-Reverendu Patri Gŭidu, Frangiscan tal Minuri Cunventŭali.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN

### Taħbit il moħħ.




G. M.

L'aħħar Xarada chienet:

*Mara-but*—Marabut.

Giebuha tajjeb: mil Belt, ir-Reverendu Dun E. B., is-Sinjurini T. Mizzi u Giuseppina Farrugia u is-Sinjuri Giuseppi Sciberras, T. G. A. u Gius. Attard—u minn Ghaŭdex (ir-Rabat) C. A. u (San Laŭrenz) Edŭardu Grima.